MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KEVIN MOMPALAO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 9/2013

Europa Research & Consultancy Services Ltd.

-vs-

Joseph Bonnici

It-Tribunal

Ra’ l-avviz tat-talba prezentat fil-hamsa (5) ta’ April tas-sena elfejn u tlettax (2013) illi permezz tieghu l-kumpanija attrici talbet hlas fis-somma ta’ elfejn tlett mija u u sittin Ewro (€2360) minghand il-konvenut dovuti ghal servizzi rezi lilu mill-kumpanija attrici skond l-fattura hemm annessa li kienet tindika illi s-servizzi, kienu servizzi ta’ konsulenza sabiex saret applikazzjoni ghal ‘*grant*’ mill-Malta Enterprise. Dan bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn dan ecepixxa illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u fl-ekwita; kif ukoll illi l-ammont mitlub ma hux dovut u qed jigi kkontestat.

Ra’ l-atti kollha tal-kawza inkluzi, id-dokumenti kollha esebiti u l-provi prodotti.

Ra d-digriet tieghu tal-ghaxra (10) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi jirrizulta inkontestat illi l-konvenut kien talab is-servizzi tal-kumpanija attrici sabiex ikun jista’ jimla u jissottometti applikazzjoni mal-‘*Malta Enterprise’* ghal sussidju ossia ghotja mnnedija mill-‘*European Regional Development Fund*’ liema skema kien jisimha ‘*Innovation Actions Grant Scheme – Innovation*’. Din l-applikazzjonijiet kif jirrizulta mid-dokumenti esebiti kienet tinvolvi certa xoghol.

Il-konvenut fix-xhieda tieghu jghid illi ta’ dan is-servizz qatt ma hallas xejn. Tul il-kawza il-konvenut prova jaghti l-impressjoni li kien hemm xi intendiment ta’ ‘*no gain no pay’*. Izda dan mhux biss li ma gie pruvat minn imkien, talli sahansitra, l-anqas gie kkonfermat mill-konvenut innifsu fix-xhieda tieghu, anke meta t-Tribunal ghamillu domanda diretta f’dak is-sens cioe’ x’kellu jigri f’kaz li l-applikazzjoni ma tirnexxix, l-konvenut iwiegeb ‘*qatt ma tkellimna fuq dik l-eventwalita ghax huma dejjem assikurawni li l-applikazzjoni kienet se tirnexxi’.*

Ir-risposta ghal kaz kollu tohrog mill-kuntratt tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Dan il-kuntratt esebit a fol 152, ta’ l-inkartament processwali, gie esebit fi stadju ahhari, stante illi l-kumpanija attrici ma rrintraccjatux minn l-ewwel, tant li fil-fatt fi stadju aktar bikri kienet esebit kopja mhix iffirmata. Dakinhar li gie esbit dan il-kuntratt l-avukat Dottor Justyne Caruana, fl-assenza tal-klijent taghha l-konvenut, qajmet l-osservazzjoni illi aktarx illi l-firma li tidher fuq dak l-att ma kinitx tal-konvenut. Izda ghajr l-allegazzjoni ta’ l-avukat maghmula b’mod stran fl-assenza tal-klijent taghha li allura l-anqas kien biss ra l-istess firma, ma ngabet l-ebda prova ohra dwar dan. Minkejja illi f’dik is-seduta tat-tnejn u

ghoxrin (22) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), it-Tribunal ordna li fis-seduta ta' wara kellu jidher il-konvenut (bl-intiza li jara din il-firma); dan naqas minn li jobdi l-ordni tat-tribunal u la deher hu u l-anqas l-avukat tieghu. Fil-fatt it-tribunal ma jistax ma josservax il-mod legger kif l-konvenut tratta din il-kawza fejn deher biss darba, fl-okkazzjoni ta' meta xhed. It-tribunal kellu jiddikjara l-provi maghluqa u jiddeferixxi ghas-sentenza. Ghaldaqstant l-allegazzjoni dwar il-firma hija meqjusa minn dan it-Tribunal bhala wahda frivola u vessatorja u qed tigi skartata.

Il-kuntratt jitkellem car dwar l-hlasijiet involuti. F'kaz li l-applikazzjoni tirnexxi kien hemm percentagg dovut bhala '*success fee'*, izda f'kaz ta' ezitu sfavorevoli kellu jkun hemm hlas ta' elfejn Ewro (€2000) flimkien mat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (ammontandi allura ghal tlett mija u sittin Ewro [€360]). In oltre dan it-tribunal ma jistax jifhem kif il-konvenut jippretendi illi ghaliex l-applikazzjoni ma rnexxietx huwa ma ghandu jhallas xejn.

Ghalhekk konsiderat dan kollu jidher illi t-talba attrici hi gustifikata u ghandha tirnexxi. Dwar l-imghaxijiet, stante illi din hija materja ta' natura kummercjali, l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru immedjatatment mat-tranzazzjoni, u allura f'dan il-kaz mid-data tal-fattura tal-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010).

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici in toto, jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-kumpanija attrici s-somma ta' elfejn tlett mija u sittin Ewro (€2360). Bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ghoxrin (20) ta' April tas-sena elfejn u ghaxra (2010). L-ispejjes kollha jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------